MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 253/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech**
**Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Filippo Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Filippo Cilia, ta’ 28 sena, iben Giuseppe Cilia u Gabriella Paterno, imwieled Vittor (RG) Italia, nhar is-6 ta’ Settembru 1983, residenti Via Magenta 30, Vittoria, Italia, detentur tal-Karta tal-Identita Taljana numru AR 3223795

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-13 ta’ April 2012, u matul l-ahhar jiem qabel din id-data:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) u aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita Korrettiva ta’ Kordin, minghajr l-awtorita legittima, dahhal jew Ippruva iddahhal f’xi parti tal-konfini ta’ Habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti

maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova ggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Kap.260 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti tal-kaz li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa Taljan u jghix Sqallija. Huwa gie Malta u fit-13 ta’ April 2012 fis-2.00pm mar izur lill-habib tieghu Taljan, li kien joqghod Sqallija ukoll, Massimo Caruso, li kien prigunier fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

2. Meta dahal il-habs, l-imputat ma infurmax lill-ufficjali tal-habs li hu kien bi hsiebu jaghti xi oggett lill-prigunier Massimo Caruso.

3. F’xi hin waqt din iz-zjara, l-imputat ghadda arlogg tal-idejn lill-prigunier Massimo Caruso, li libsu f’idejh.

4. Ftit tal-hin wara, gew l-ufficjali tal-habs, interrompew il-vizita, u ghamlu tfittxija fuq il-prigunier Caruso, u meta fethu l-arlogg li kellu f'idejh, sabu fih xi trab kannella f'borza tal-plastic zghira, suspettata li kienet eroina.

5. Fir-rapport tieghu, l-espert xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li fit-trab kannella kien hemm is-sustanza eroina u diazepam. Il-piz totali tat-trab kien ta' 2.02 grammi u l-purita tal-eroina kienet ta' circa 22%.[1]

F'dawn il-proceduri, l-imputat ammetta li hu kien ghadda l-arlogg tal-idejn lill-prigunier Caruso, pero huwa qed jichad li kien jaf li f'dak l-arlogg kien hemm pakkett tad-droga. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tiddeciedi fil-kaz odjern huwa jekk l-imputat kellux ix-xjenza, u cioe il-*mens rea*, li f'dak l-arlogg li kien se jghaddi lill-prigunier Caruso, kien hemm id-droga.

Il-prigunier Massimo Caruso li ittella' jixhed mill-prosekuzzjoni qal li hu ghandu dipendenza fuq l-eroina u li hu kien abbuza mill-buona volonta tal-imputat, li kien ilu ma jarah kwazi 20 sena.[2] Hu xehed li l-imputat kien kontra d-droga u kien jaf li likieku qallu biex igib id-droga ma kienx igibha. Allura skont Caruso, hu ftiehem ma' terza persuna, li isimha baqa' ma giex zvelat f'dawn il-proceduri, imma li Caruso gieli kien xtara d-droga minghandha, sabiex tistenna lill-imputat fil-bieb tal-habs, fil-hin li l-imputat kellu imur izuru, biex jaghti lill-imputat arlogg biex l-imputat imbaghad jghaddih lill-istess Caruso. Skont Caruso, dak li gara waqt iz-zjara tal-imputat fil-habs, kien hekk: *"Meta gie ghall-vista, qalli ghandi xi haga ghalik. Jiena kont naf ovvjament. Imma ma ridtx li jinduna hu. Hu gustament gab l-arlogg u tahuli fuq il-mejda. Cameras kollha u kollox. Dak il-hin gew fuqna s-sigurta tal-habs. Ghamlu search u sabu id-droga eroina fl-arlogg fil-pussess tieghi."*[3] Iktar tard, meta gie mitlub mill-prosekuzzjoni jispjega kif l-imputat tah l-arlogg, Caruso

[1] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 16 *et seq.* tal-process, u r-rapport tieghu ezebit bhala Dok. GS1 a fol. 21 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 102 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 90 tal-process.

wiegeb hekk: *"Tahuli hekk fuq il-mejda. Nehhieh u qalli ha."*[4] Waqt ix-xhieda tieghu, Caruso insista diversi drabi li l-imputat ma kienx jaf li gol-arlogg kien hemm id-droga.[5]

L-imputat ghazel li jixhed u spjega kif il-familja tieghu u dik ta' Caruso fi kienu jghixu vicin xulxin f'Vittorja, Sqallija u kienu hbieb kbar, tant li lill-omm Caruso kien isejjhila "zija", u lil Caruso iqisu bhala kugin. Caruso imbaghad kien telaq minn Sqallija u gie jghix Malta, pero kien imur lura Vittoria fil-festi u l-Milied. L-imputat kien ilu ma jara lil Caruso f'Vittorja ghal circa 6 snin. Kien jaf li Caruso kien jinsab il-habs u iddecieda li jigi jzuru Malta. Huwa jghid li meta kien diehel fil-bini tal-habs, gie jkellmu ragel li ma kienx jaf jitkellem sew bit-Taljan, u staqsieh jekk kienx se jmur izur lil Caruso, meta l-imputat qallu iva, tah arlogg tal-idejn u talbu biex jghaddih lil Caruso. L-imputat staqsieh jekk setghax jaghti dan l-arlogg lil Caruso, u din it-terza persuna qaltlu li iva. L-imputat libsu f'idejh u dahal il-habs. L-ufficjali tal-habs ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu, pero l-imputat ma infurmahomx li kien se jaghti l-arlogg lil Caruso. Skont l-imputat, dak li gara fiz-zjara tieghu lil Caruso kien is-segwenti: *"Meta wasalt l-ewwel bdejna nitkellmu ftit. Imbaghad nehhejt l-arlogg biex naghtihulu u hu qalli 'stenna, stenna ftit, taghtihulix ghal issa.' U jien staqsejtu 'ghaliex ma nistghax naghtihulek mill-ewwel?' U hu qalli 'peress li hawn iktar habsin hawnhekk u jarawk taghtihuli.' Jiena zammejtu taht idejja ghal ftit u imbaghad hu qalli 'ok tista' taghtihuli.' Hu hadu u libsu. U daqshekk. Imbaghad gara dak li gara. Gew u hadu lilu."*[6]

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li hemm zewg kontradizzjonijiet ta' natura importanti bejn ix-xhieda ta' Caruso u dik tal-imputat:

1. Fil-waqt li Caruso jghid li kien ilu ma jara lill-imputat ghal *"kwazi 20 sena"*[7], l-imputat jghid li kien ilu ma jara lil Caruso *"ghal dawn l-ahhar 6 snin u jista' jkun anke aktar"*[8]

[4] Ara xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 98 tal-process.
[5] Ara per ezempju xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 101-102 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 119 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 102 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 110 tal-process.

Ghalkemm l-imputat jghid li jista' jkun kien ilu ma jara lil Caruso aktar minn 6 snin, dan ragonevolment ifisser li forsi kien ilu ma jarah 7 jew l-aktar 8 snin, pero certament ma jfissirx li kien ilu ma jarah 20 sena. Jekk wiehed jaccetta l-verzjoni ta' Caruso li kien ilu ma jara lill-imputat ghal kwazi 20 sena, dan ifisser li l-ahhar darba li Caruso ra lill-imputat kien meta dan kellu biss circa disa' (9) snin, billi illum l-imputat ghandu disa' u ghoxrin (29) sena.[9]

2. Caruso jghid li kien hu li cempel lill-imputat u hajru jigi Malta. Fil-fatt xehed hekk: *"(I)nfatti meta jiena cempiltlu qalli Massimo bhal issa ma nistax ghax ghandi x-xoghol u ghandi hekk. Imbaghad sibtu gurnata ghidtlu mhux ser tigi tarani ghax ilni ma narak."*.[10] Min-naha l-ohra, l-imputat xehed hekk: *"Jiena gejt Malta ghax hadt vaganza. ... ... Jien kont ghidt lil ommu* (omm Caruso) *li kont ser nigi Malta u ommu avzatu li kont gej Malta. U talbitni biex mmur ninvistah lit-tifel taghha ... ... Il-haddiem tieghi tal-air conditioners qalli li xahar wara ma kienx ser ikolli xoghol u allura ddecidejt li nigi. Ghidt lil ommu u hi kellmet lil Massimo bit-telefon. Jiena ma kellimtux. Ommu kellmitu."*[11] U iktar tard, waqt ix-xhieda tieghu, l-imputat jghid: *"F'dawn is-sitt snin, jiena gieli kellimtu lil Massimo* (bit-telefon) *imma dejjem minghand ommu, fid-dar taghha. ... ... Meta kont ninzerta nkun ghand id-dar tal-mama tieghu u hi tkun qed tkellem lil Massimo. Kienet tghaddihuli u kont nghidlu 'hello'. Jiena qatt ma cempiltlu lilu."*[12] Dan jista' biss ifisser li skont l-imputat Caruso qatt ma kien icempillu direttament biex ihajjru jinzel Malta, kuntrarjament ghal dak li xehed Caruso.

Dawn iz-zewg kontradizzjonijiet fuq kemm kien ilhom ma jaraw lil xulxin, u jekk Caruso kienx icempel lill-imputat direttament, diga jitfghu dell fuq il-kredibilita kemm tax-xhud Caruso kif ukoll tal-imputat, ghax ifisser li jew wiehed jew l-iehor mhux qieghed jghid il-verita jew possibilment it-tnejn li huma mhux qed jghidu l-verita.

9 Ara fotokopja tal-karta ta' l-identita Taljana ta' l-imputat ezebita bhala Dok B a fol. 11 u 12 tal-process.
10 Ara xhieda ta' Massimo Caruso a fol. 102 tal-process.
11 Ara xhieda tal-imputat a fol. 111 u 112 tal-process.
12 Ara xhieda tal-imputat a fol. 120 u 121 tal-process.

Fit-tieni lok, anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-imputat li l-arlogg tahulu terz barra il-bieb tal-habs u li ma kienx jaf li dan l-arlogg kien fih id-droga, il-Qorti ma tistax tifhem ir-ragunament tal-imputat li iddecieda li jilbes dan l-arlogg, malli dahal fil-habs, ma jinfurmax lill-ufficcjali tal-habs li hu kien se jghaddi dan l-arlogg lill-prigunier Caruso. Meta gie mistoqsi mill-prosekuzzjoni, ghaliex ma qalx lill-ufficjali tal-habs li l-arlogg kien ghall-prigunier Caruso, huwa wiegeb *"ghax jiena kont nahseb li stajt indahhlu."*[13] Pero din it-twegiba hija kontradetta mix-xhieda li ta iktar qabel l-imputat stess fejn qal li hu staqsa lit-terza persuna li ltaqghet mieghu quddiem il-habs jekk setghax idahhal dan l-arlogg il-habs, u t-terza persuna qaltlu li seta'.[14] Dan ifisser li fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, hu kellu d-dubbju jekk setghax idahhal l-arlogg il-habs, ghax kieku ma kienx jistaqsi lit-terzi jekk setghax idahhlu. Ma jaghmilx sens logiku li l-imputat iddecieda li joqghod fuq l-assigurazzjoni tat-terz li ra l-ewwel darba dak-in-nhar, u li skont l-imputat stess ma kienx jitkellem sew bit-Taljan, u allura l-imputat ma kellux garanzija li necessarjament fehem id-domanda tieghu sew, u jiddeciedi li ma jfittix l-assigurazzjoni wkoll tal-ufficjali tal-habs li hu mhux biss seta' jdahhal l-arlogg fil-habs, izda seta' jghaddih lil prigunier. Kieku l-imputat vera haseb li dan kien semplici arlogg tal-idejn, ma kien ikollu l-ebda raguni ghalfejn jezita li jiddikjarah lill-ufficjali tal-habs, u jinfurmahom li kien bi hsiebu jghaddieh lill-prigunier Caruso.

Inoltre, ladarba l-arlogg ma kienx ghalih, l-imputat ma kellux ghalfejn jilbsu f'idejh. Huwa ovvju li l-imputat libes l-arlogg f'idejh, biex meta jidhol il-habs, l-ufficjali tal-habs jahsbu li kien tieghu, kif fil-fatt gara, stante li hija haga normali li persuna tkun liebsa arlogg tal-idejn. L-argument tal-imputat li l-ufficjali tal-habs raw l-arlogg f'idejh, izda ma haduhx[15] ma jreggix fic-cirkostanzi, ghax kif diga gie osservat, huwa normali li persuna tkun liebsa arlogg tal-idejn, u ghalhekk il-fatt li l-imputat kien liebes arlogg tal-idejn ma kellux ghalfejn iqanqal xi suspett fl-ufficjal tal-

[13] Ara xhieda tal-imputat a fol. 123 tal-process.
[14] Ara xhieda tal-imputat a fol. 116 u a fol. 124 tal-process.
[15] Ara xhieda tal-imputat a fol. 117 u a fol. 224 tal-process.

habs li ghamillu il-*frisk search*. Huwa iktar suspettuz l-agir ta’ l-imputat li jiddeciedi li ma jiddikjarax l-arlogg lill-ufficjali tal-habs.

Pero, fl-opinjoni tal-Qorti, l-iktar prova importanti f’dawn il-proceduri huwa l-filmat tac-CCTV[16] taz-zjara li l-imputat ghamel lill-prigunier Caruso. F’dan il-filmat, l-ewwel jidher l-imputat fuq il-mejda jistenna lill-prigunier Caruso. F’idejh ix-xellugija jidher l-arlogg li c-cinga tieghu kienet diga miftuha. Meta gie l-prigunier Caruso, l-imputat baqa’ bil-qieghda, Caruso pogga bil-qieghda f’ras il-mejda u pogga arlogg tal-idejn fuq il-mejda faccata tal-imputat. Caruso gab mieghu dokument li kien fih ghall-inqas zewg faccati, u wara li taptap fuq l-ispalla tal-lemin tal-imputat, beda jipponta b’subajh ghal fuq id-dokument li gab mieghu u jidher jitkellem. Malli wasal Caruso, l-imputat pogga idejh il-leminija fuq il-polz ta’ idu ix-xellugija u bil-mod b’idu l-leminija kaxkar l-arlogg u hargu minn idu x-xellugija, b’mod pero li l-arlogg baqa’ il-hin kollu mohbi taht idu il-leminija, u baqa’ jzommu taht idu l-leminija ghal cirka 6 minuti. Matul dan il-hin, Caruso baqa’ il-hin kollu jipponta fuq id-dokument li gab mieghu kemm fuq l-ewwel faccata kif ukoll fuq it-tieni faccata tieghu, u l-imputat deher qieghed ikompli mieghu, u jippunta lejn id-dokument hu wkoll

Fl-opinjoni tal-Qorti dan ma kienx atteggament ta’ zewg persuni li kienu hbieb sew ta’ xulxin u li kien ilhom ma jaraw lil xulxin ghal circa 6 snin skont il-verzjoni tal-imputat jew ghal kwazi 20 sena skont il-verzjoni ta’ Caruso. Interessanti wkoll il-fatt li la Caruso u lanqas l-imputat ma jsemmu fix-xhieda taghhom, li Caruso kien gab mieghu xi dokument ta’ tant importanza li qabdu jiddiskutuh mall-ewwel u prattikament deheru qed jiddiskutuh prattikament tul iz-zjara kollha.

In oltre, il-filmat tas-*CCTV* ma jikkomfortax il-verzjoni tal-imputat fix-xhieda tieghu illi meta wasal Caruso huwa ipprova jtieh l-arlogg imma Caruso waqfu ghaliex qallu li ma riedx li jindunaw il-prigunieri l-ohra. Dak li jirrizulta mill-

[16] Ezebit bhala Dok. SZ4 a fol. 51 tal-process.

filmat tas-*CCTV* huwa dak li gie deskritt fil-paragrafu precedenti, u meta wasal Caruso, l-imputat ma jidhirx qed joffri jew jipprova joffri li jaghti l-arlogg lil Caruso b'mod apert, kif wiehed, li ma jkun qed jissuspetta xejn hazin, kien jaghti l-arlogg f'cirkostanzi normali. Jekk waqt ix-xhieda tieghu meta qal li ried jaghti l-arlogg lil Caruso malli wasal imma Caruso waqqfu, l-imputat kien qed jirreferi ghal meta b'idu l-leminija, l-imputat hareg l-arlogg minn idu x-xellugija, b'mod pero li l-arlogg baqa' il-hin kollu mohbi taht idu il-leminija, dan ifisser li l-imputat – anki qabel ma waqqfu Caruso - diga kellu f'mohhu li jghaddi l-arlogg lil Caruso bil-mohbi.

Wara cirka sitt (6) minuti apparentement jiddiskutu d-dokument li gab mieghu Caruso, Caruso jidher iressaq idu x-xellugija lejn l-imputat, u b'idu l-leminija jkaxkar il-fuq il-komma tal-flokk ta' idu x-xellugija biex jikxef il-polz. Immedjatament, l-imputat kaxkar idu l-leminija (li tahtha kien qieghed izomm l-arlogg) fuq il-mejda fid-direzzjoni ta' Caruso, idu bl-arlogg tahtha misset mall-karta tad-dokument li fuqu kien qed jirragunaw, u Caruso hareg idejh il-leminija u gibed l-arlogg minn taht id l-imputat. Imbaghad Caruso jidher bl-arlogg f'idu u libsu f'idejh ix-xellugija, waqt li kompla jirraguna fuq id-dokument.

L-imputat ghamel din l-operazzjoni kollha b'tant sotterfugju, li l-Qorti jkollha tammetti li l-ewwel darba li rat id-DVD, il-Qorti ma irrealizzatx kif Caruso kien spicca bl-arlogg f'idejh, u kellha taghmel *rewind* tad-DVD sabiex tikkonstata kif l-imputat kien ghadda l-arlogg lil Caruso. Huwa wkoll ovvju li d-dokument li gab mieghu Caruso u li fuqu beda jipponta u jargumenta, filwaqt li l-imputat ikompli mieghu u gieli pponta lejh ukoll, intuza bhala *smokescreen* biex ma jaghtix fil-ghajn il-passagg tal-arlogg minn id l-imputat ghal id Caruso. Wara xi tlett (3) minuti li libes l-arlogg, Caruso hareg idu l-leminija u gibed il-komma tal-flokk t'idu x-xellugija l-isfel biex b'hekk ghatta l-arlogg. Ghal kull buon fini jigi rilevat li kontrarjament ghal dak li allegat il-prosekuzzjoni waqt il-kontro-ezami tal-imputat u fit-trattazzjoni fil-filmat tas-CCTV, l-imputat ma jidhirx qed idawwar rasu l'hawn u l'hemm qabel ma jew waqt l-operazzjoni biex ghadda l-arlogg lill-Caruso. Ras l-

imputat kienet thares fid-direzzjoni ta' Caruso jew l-isfel lejn id-dokument fuq il-mejda.

Xi minuta u nofs wara li Caruso libes l-arlogg gew l-ufficjali tal-habs li interrompew il-vizita u hadu lil Caruso maghhhom, waqt li ufficjal iehor baqa' mal-imputat.

Dawn il-manuvri tal-imputat fuq il-mejda waqt iz-zjara tieghu lil Caruso, flimkien mal-fatt li l-imputat libes l-arlogg f'idejh qabel dahal il-habs, u naqas li jiddikjara l-arlogg lill-ufficjali tal-habs, joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat kien konsapevoli li ma kienx qed jikkonsenja lil Caruso semplici arlogg tal-idejn, imma li kien jaf li kien qieghed jghaddi wkoll id-droga.

Ghaldaqstant, ix-xhieda tal-imputat li hu ma kienx jaf li fl-arlogg kien hemm id-droga, u x-xhieda ta' Caruso fl-istess sens, mhix attendibbli fic-cirkostanzi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjonijiet (b) u (c) huma assorbiti fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar tad-droga eroina fil-habs.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni li skont ix-xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut[17] l-ammont ta' droga in kwistjoni kien ta' 2.02 grammi eroina u l-purita tal-eroina kienet circa 22%, li skont ix-xjenzat hija purita normali. Skont l-istess xjenzat, doza tipika tal-eroina hija 100mg jigifieri 0.1 gramma u ghalhekk mill-ammont ta' droga li instabet kienu johorgu qisu 20 doza tipika.

Il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni il-fatt li l-fedina penali tal-imputat ezebita mill-prosekuzzjoni hija netta, stante li l-

[17] A fol. 17 tal-process.

imputat xehed li gie Malta il-gurnata ta' qabel ma gie arrestat u li qatt ma kien gie Malta qabel.[18] Inoltre, huwa nzamm taht arrest preventiv matul dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2013. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre tordna lill-hati jhallas l-ispejjez relattivi mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[18] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 113-114 tal-process.